**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**

**Nru 88/2007**

**tas-6 ta' Lulju 2007**

**li temenda l-Anness XIII (It-Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 54/2007 tat-8 ta' Ġunju 2007 ([1]).

(2) Id-Direttiva 2006/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbiliment ta' regoli komuni għal ċerti tipi ta' trasport ta' merkanzija bit-triq (verżjoni kodifikata) ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Direttiva 2006/94/KE tħassar l-Ewwel Direttiva tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 1962 dwar ċerti tipi ta' trasport ta' merkanzija bit-triq bejn l-Istati Membri ([3]), li hija inkorporata fil-Ftehim u li għalhekk trid titħassar skond il-Ftehim.

(4) Id-Direttiva 2006/94/KE hija verżjoni kkodifikata ta' l-att imħassar u għalhekk l-adattament preżenti taż-ŻEE għal din ta' l-aħħar għandu jinżamm,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

It-test tal-punt 25 (L-Ewwel Direttiva tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 1962) ta' l-Anness XIII tal-Ftehim għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"**32006 L 0094**: Id-Direttiva 2006/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbiliment ta' regoli komuni għal ċerti tipi ta' trasport ta' merkanzija bit-triq (verżjoni kodifikata) (ĠU L 374, 27.12.2006, p. 5)."

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bit-tibdil li ġej:

"Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom japplikaw biss għat-trasport ta' operatur għal rasu."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Direttiva 2006/94/KE fil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar is-7 ta' Lulju 2007, sakemm ikunu ġew magħmula n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

([1]) ĠU L 266, 11.10.2007, p. 14.
([2]) ĠU L 374, 27.12.2006, p. 5.
([3]) ĠU L 70, 6.8.1962, p. 2005/62.
(*) Ebda rekwiżit kostituzzjonali m'huwa indikat.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni ŻEE u fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 6 ta' Lulju 2007.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Stefán Haukur JÓHANNESSON